**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

30 ta' Jannar 2025

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-idejn u bl-email fuq
robert.abela@gov.mt

Onorevoli Prim Ministru,

**Id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri u d-deputati parlamentari**

Nirreferi għall-ittra tiegħek tas-27 ta' Jannar 2025 b'risposta għal dik tiegħi tat-2 ta' Jannar.

Fl-ittra tiegħi jiena rreferejtlek ilment dwar in-nuqqas ta' preżentazzjoni fil-Parlament tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri għas-sena 2023. Tlabt il-veduti tiegħek dwar l-ilment għall-finijiet tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Madankollu, infurmajtek li din il-kwistjoni tmur lil hinn mill-ilment, u esprimejt il-preokkupazzjoni tiegħi dwar il-fatt li d-dikjarazzjonijiet in kwistjoni ma ġewx intavolati fil-Parlament kif ilu jsir għal snin twal.

Fir-risposta tiegħek, inti tajtni l-veduti tiegħek dwar l-ilment iżda qbilt miegħi li din il-kwistjoni tmur lil hinn minnu. Inti pproponejt li minflok is-sistema preżenti, fejn kull deputat parlamentari jissottometti dikjarazzjoni tal-assi lill-Ispeaker filwaqt li kull ministru jissottometti dikjarazzjoni fuq formola separata lis-Segretarju tal-Kabinett, għandu jkun hemm sistema ġdida fejn:

(a) issir dikjarazzjoni waħda biss minn kull deputat parlamentari, sew jekk ikun ministru u sew jekk ma jkunx;

(b) din id-dikjarazzjoni tkun suġġetta għall-iskrutinju mill-Ispeaker u/jew mill-Uffiċċju tiegħi;

(c) din id-dikjarazzjoni titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati fi żmien li għandu jiġi stabbilit bil-liġi.

Inti tlabt il-fehmiet tiegħi dwar dawn il-proposti, u qed niktiblek għal dan il-għan. L-ilment se jkun is-suġġett ta' korrispondenza separata meta jkun il-waqt.

## 1. M'għandu jkun hemm ebda tnaqqis fl-informazzjoni li l-ministri huma obbligati jipprovdu

Fil-fehma tiegħi, m'għandux ikun hemm tnaqqis fl-informazzjoni li l-ministri bħalissa huma obbligati jinkludu fid-dikjarazzjoni tagħhom. Dan qed jingħad għaliex il-ministri huma obbligati jiddikjaraw id-dħul tagħhom mentri d-deputati mhumiex. L-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni waħda m'għandhiex twassal biex dan l-obbligu jaqa'.

## 2. It-tibdil għandu jkun ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u l-GRECO

Id-dikjarazzjonijiet preżenti, sew tal-ministru u sew tad-deputati, diġà huma limitati fl-informazzjoni li jinkludu. Infatti, f'Ottubru tal-2023 l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (l-OECD) irrakkomandat li s-sistema ta' dikjarar tal-assi f'Malta għandha tissaħħaħ.[1] Fost affarijiet oħra, l-OECD pproponiet li:

(a) id-deputati għandhom jiddikjaraw id-dħul tagħhom;

(b) id-dikjarazzjonijiet tal-ministri u tad-deputati għandhom jinkludu aktar informazzjoni, fost oħrajn dwar rigali riċevuti minnhom (inkluż ħlas għal safar);

(c) dan l-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa li jitlob informazzjoni mingħand il-qraba ta' dikjarant jekk dan ikun neċessarju sabiex id-dikjarazzjoni tiegħu tiġi verifikata kif titlob il-liġi; u

(d) għandu jkun hemm sistema formalizzata għad-dikjarar ta' kunflitti ta' interess: din għandha tkun separata mid-dikjarazzjoni tal-assi, għaliex kunflitt ta' interess għandu jiġi dikjarat kull meta jinqala' l-bżonn.

Barra minn hekk, fl-2019 il-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) irrakkomanda li l-pubbliku għandu jingħata aċċess għad-dikjarazzjonijiet b'mod aktar faċli u sistematiku.[2] Dan s'issa għadu ma sarx.

Fit-3 ta' Novembru 2023 jiena ktibtlek sabiex nirrakkomanda formalment, bis-saħħa tal-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li s-sistema ta' dikjarar ta' assi tissaħħaħ kif propost mill-OECD. Jiena ma rċevejt ebda risposta mingħandek dwar din ir-rakkomandazzjoni. Fil-fehma tiegħi, il-proposti tal-OECD u tal-GRECO għandhom ikunu l-punt tat-tluq tar-riforma fis-sistema ta' dikjarar tal-assi.

[1] Ara https://one.oecd.org/document/GOV/PGC/INT(2023)12/FINAL/en/pdf.

[2] Ara https://rm.coe.int/grecoeval5rep-2018-6-fifth-evaluation-round-preventing-corruption-and-/168093bda3 (paġna 29).

## 3. It-tibdil għandu jsir wara konsultazzjoni pubblika

Barra milli tkun ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u tal-GRECO, ir-riforma fis-sistema tad-dikjarar tal-assi għandha tinvolvi konsultazzjoni mal-pubbliku u s-soċjetà ċivili. Ir-riforma m'għandhiex tkun mgħaġġla. Lanqas m'għandha tkun ikkundizzjonata mis-sospensjoni tal-prattika li d-dikjarazzjonijiet tal-ministri jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Infatti, jiena ma nara ebda raġuni għalfejn din il-prattika m'għandhiex tibqa' fis-seħħ sakemm tinbidel is-sistema tad-dikjarar tal-assi. Għalhekk id-dikjarazzjonijiet tal-ministri għas-sena 2023 għandhom jitqegħdu fuq il-mejda tal-Kamra kemm jista' jkun malajr.

## 4. Dan l-Uffiċċju obbligat jivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri

Fl-ittra tiegħek, inti tgħid li lest tiżvesti lilek innifsek mis-setgħa li tiskrutinja d-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri. Tgħid ukoll li d-dikjarazzjonijiet tal-ministri għas-sena 2023 ġew "*debitament skrutinjati*".

Infakkrek li dan l-Uffiċċju huwa obbligat jeżamina l-istess dikjarazzjonijiet skont l-artikolu 13(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Dan l-artikolu jgħid li l-Kummissarju għall-Istandards għandu "*jeżamina u jekk ikun meħtieġ jivverifika, dawk id-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dħul jew attiv, jew interessi jew benefiċċji oħra ta' kull xorta ta' persuni li għalihom japplika dan l-Att, li għandhom id-dmir li jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jkun provdut taħt dan l-Att jew kull liġi oħra*". Din id-dispożizzjoni teħtieġ li dan l-Uffiċċju jkollu aċċess għad-dikjarazzjonijiet tal-ministri għas-sena 2023. Din hija raġuni oħra għalfejn dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jitqegħdu fuq il-mejda tal-Kamra mingħajr dewmien.

## 5. Dan l-Uffiċċju għandu jkollu aċċess għad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa li jingħataw lill-Ispeaker

Skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, ta' kull sena l-Kummissarju tat-Taxxa għandu jibgħat dikjarazzjoni lill-Ispeaker li turi d-dħul ta' kull deputat parlamentari.

Din id-dikjarazzjoni hija għodda importanti biex tgħin lil dan l-Uffiċċju jivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi li jsiru mid-deputati. Madankollu, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ma jaħsibx biex dan l-Uffiċċju jkollu aċċess għad-dikjarazzjoni dwar id-dħul. Skont dan l-Att, l-Ispeaker jista' jagħti aċċess għal din l-informazzjoni biss lid-deputati stess jew lill-edituri tal-ġurnali fuq talba bil-miktub mingħandhom. Din hija anomalija legali li għandha tiġi riżolta.

Nawgura li kull tibdil iwassal għal sistema ta' dikjarar tal-assi aktar effettiva bħala mekkaniżmu ta' trasparenza u kontabilità.

Nixtieq ninfurmak li bi ħsiebni nippubblika din l-ittra in vista tal-interess pubbliku fil-materja hawn diskussa.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika